# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 295/2014**

Il-Pulizija

vs

**Tarquin Vella**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-22 ta' Awwissu, 1990, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405690(M)

Illum, 24 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Tarquin Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta' Novembru 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Roxanne Brignoli u/jew lil uliedu s-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Tarquin Vella hati skont l-akkuza dedotta kontra tieghu u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Tarquin Vella pprezentat fis-7 ta' Luljuj, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-appellant jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija wahda esagerata tenut kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jahrab mill-obbligi tieghiu imma kienet biss kwistjoni ta' incertezza li ghalkemm mhux motiv sabiex tehles lill-appellant mill-obbligu tal-manteniment lill-omm il-minuri pero' dina l-Onorabbli Qorti trid tiehu in kunsiderazzjoni l-incertezza li l-missier ghadu mhux cert jekk hux il-missier bijoligiku tal-minuri u kif ukoll li ghandu zewg ulied ohra.

Illi l-appellant ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar minhabba li mhux biss huwa obbligat li jivversa l-manteniment ta' tlett mija u hamsin ewro (€350), kif ukoll jrid jaghti manteniment taz-zewg ulied l-ohra.

Illi l-appellant sab ruhu rinfaccjat b'cirkostanzi li ma kellux kontrol fuqhom, fejn huwa pprova jaghmel ghall-ahjar izda sfalu fix-xejn.

Illi kienu d-dikjarazzjonijiet foloz tal-parte civile li wasslu sabiex tinghata decizjoni bhal din mertu ta' dan l-appell li qieghed iwassal lill-appellant sabiex jiskonta piena ta' habs.

Illi fis-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Publius Said deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skruplozament.'

Illi fis-sentenza deciza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi deciza fis-26 ta' Settembru 2011, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef David Scicluna) gie deciz li in vista ta' dak deciz fis-sentenza il-Pulizija vs. Publius Said:

'...konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunrija, u minflok kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), liema somma tigi kkonvertita f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnuflh.'

Illi anki fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Gafa, deciz fl-1 ta' Novembru 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx il-manteniment ghax-xhur ta' Awwissu 2009, Settembru 2009, Ottubru 2009 u Novembru 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048).

Illi nonostante dan, dwar din il-piena msemmija f'din is-sentenza citata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat s-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafa xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048) fi zmien tliet (3) xhur ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok a tenur ta' l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.'

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Brincat deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma' hallasx manteniment ghax-xhur ta' Gunju 2011 u Lulju 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghall sena ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' erba mitt euro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijlet ta' Malta.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u rrevokat il-piena ta' 'xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok qed tikkundannah ihallas amenda ta' €58.'

Ghalhekk, tenut kont tal-verosimilta tal-kaz tal-appellanti ghal dawk tas-sentenzi hawn fuq citati li l-appellant jikkontendi li hemm lok ghal mitigazzjoni tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi seduta stante l-appellant ikkonsenja lill-parte civile is-somma ta' tlett mija u hamsin euro (€350) ghas-saldu ta' dak dovut skont dan l-appell. Min-naha taghha l-parte civile nfurmat lill-Qorti li ma ghandhiex aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li tirrigwarda l-htija tal-appellant. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar il-piena u tillibera lill-appellant a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.